MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 987/2014

**Fl-atti tas-subbasta Nru 20/14 fl-ismijiet:**

**Emanuel Sammut detentur tal-karta tal-identita numru 727758M u Victoria Sammut detentrici tal-karta tal-identita 386955M**

**-Vs-**

**Jason Calleja detentur tal-karta tla-identita numru 523777M u Daniela Calleja detentrici tal-karta tal-identita numru 417083M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Jason Calleja tas-7 ta'Novembru, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti jirrileva illi hemm kawza sabiex tigi attakata l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-konjugi Sammut qieghdin jghidu li ghandhom titolu ezekuttiv, liema kawza fl-*

*ismijiet 'Jason Calleja vs Emauel Sammut et" [Ref 176/2014] li hija differita ghas-sitta (6) ta' Ottubru elfejn u erbatax ( 2014) ghal kontinwazzjoni tal-provi li diga' waslu fi stat avvanzat.*

*Illi ir-rikors ghal bejgh bl-irkant huwa ta' garage numru tlieta (3) formanti parti minn blokka bl-isem ta' 'Lily of the Valley' fi Triq Monsinjur Indri Fenech, Mellieha.*

*IIli dina l-propjeta' tappartieni lil esponenti u lil martu Daniela Calleja li tigi bint ir-rikorrenti Emmanuel Sammut u martu.*

*Illi l-esponenti u martu ghaddejjin minn process ta' separazzjoni.*

*Illi dana huwa attentat iehor tal-genituri ta' martu sabiex jipprovaw jikkontrollaw is-separazzjoni bejnu u bejn martu Daniela Calleja.*

*Illi fil-fatt l-esponenti kien intavola l-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u dina l- kawza ilha li giet ipprezentata minn Frar elfejn u erbatax (2014) u is-sur Emmanuel Sammut u martu ipprezentaw ir-rikors ghas-subbasta fil-hamsa (5) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) hafna zmien wara li bdiet il-kawza sabiex jigi attakkat it-titolu taghhom.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti Jason Calleja jhoss li jkun aklar opportun li jkun hemm is-sospensjoni tas-subbasta minhabba l-istat avvanzat fil-provi fil-kawza kif wkoll ghal fatt li is-sinjuri Sammut iddecidew li jipprezentaw dana ir-rikors ghal bejgh tal-immobbli hafna wara li l-kawza kontra taghhom bdiet tinstema.*

*Illi kontestwalment ma dan ir-rikors l-esponenti qieghed jipprezenta l-garanzija skond il-ligi.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha tordna li l-bejgh bl-irkant fl-ismijiet premessi ghandhom jigu sospiz sakemm il-kawza fl-ismijiet tigi deciza"*

Rat id-digiet taghha tal-10 ta'Novembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-20 ta'Novembru 2014 fis-1:00pm;

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati l-partijiet skond il-ligi;

Rat in-nota ta'Emanuel Sammut tas-26 ta'Novembru 2014 fejn ezebixxa zewg digrieti relatati mal-mertu tar-rikors fl-ismijiet premessi moghtija minn dina l-Qorti kif diversament preseduta;

Rat in-nota ta'Jason Calleja tal-1 ta'Dicembru 2014 li permezz taghha ipprezenta is-segwenti dokument Dok. JC01, Dok. JC02;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba tal-esekutat Jason Calleja ghal sospenzjoni tal-bejgh bis-subbasta numru 20/14 tal-garage 3 Lily of the Valley go Triq il-Monsinjur Indri Fenech Mellieha. Jirrizulta mill-atti illi Calleja intavola cedola ghall-ispejjez tas-subbasta ai termini tal-Artikolu 326(2) tal-Kapitolu 12 u r-rikors ghas-sospenzjoni sar fit-terminu indikat fil-Artikolu 326(3) tal-Kapitolu 12

Ir-raguni ghal tali sospenzjoni hija li l-esekutant Jason Calleja fetah proceduri quddiem dawn il-Qrati biex jattakka t-titolu esekuttiv tar-rikorrent Sammut u li l-kawza qieghda fi stat avvanzat.

Illi l-Artikolu 326(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi :

> ***"L-irkant jew il-liberazzjoni ghandhom dejjem jitwaqqfu fuq talba tad-debitur bil-kunsens tal-kreditur jew fuq talba tal-kreditur bil-kunsens tad-debitur, u, f'dan il-kaz, kif ukoll meta it-twaqqif isir minhabba impediment legittimu iehor ..."***

Illi mill-atti pprezentati fil-kawza odjerna u mill-atti tas-subbasta allegata ma dawn il-proceduri, jirrizulta illi l-kreditu ta' tmienja u erbghin elf disa' mija u sitta –il Ewro (€48,916) huwa **naxxenti minn kuntratt pubbliku** u jirrizulta illi l-konjugi Sammut kienu **pprezentaw ittra ufficcjali fil-21 ta'Marzu 2013** li giet debitament **notifikata lill-Calleja fit-30 ta'Marzu 2013**, **b'hekk it-titolu esekuttiv gie rez ezegwibbli.**

Illi x-xhieda ta' Jason Calleja moghtija fl-affidavit tieghu Dok. JC01 a fol. 19 et seq, hija lista ta' lanjanzi kontra missier il-mara tieghu, wara twelied tat-tarbija barra zwieg u wara li konjugi Sammut kienu pprovdew l-fond residenzjali ghal Calleja u binthom l-ewwel permezz ta' *boat house* u sussegwentement bid-dar ta' nanna materna.

Eventwalment Jason Calleja u martu kienu hadu *loan* biex jixtru din d-dar; it-tesi ta'Calleja hija illi huwa ffirma l-kuntratt taht pressjoni u koerzjoni.

Mix-xhieda ta'Nutar Marco Burlo (ara affidavit tieghu a fol.32 et seq) jirrizulta illi dan n-Nutar gharaf li kien hemm **"friction"** bejn il-partijiet, izda mhux xi **"manneggjar"** u li ghalhekk kien **"kuntent li jippublika l-kuntratt" Ibid a fol. 33.**

Illi Jason Calleja ma jikkontestax l-ezistenza tad-dejn u mkien ma jirrizulta li huwa hallas l-ammont dovut.

Illi jidher ukoll illi Calleja ghamel diversi tentattivi ohra biex ixejjen il-Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv u **dawn gew respint** fid-digrieti ta' dawn il-Qrati diversament preseduti u cioe dak tal-Mhallef Dr. Joseph Zammit Mckeon **datat 24 t'Ottubru 2013** u dak tal-Imhallef Dr. Anthony Elllul **tal-4 ta'Novembru 2013 – vide Dok ES1 u ES2 minn fol. 9 sa 12.**

Illi din il-Qorti tqis illi ma jezisti ebda "**impediment legittimu"** li jikkonduci lill-istess Qorti tissospendi din is-subbasta.

Ghaldaqstant tichad t-talba ghas-sospenzjoni tal-bejgh in subbasta numru 20/14 fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra Jason Calleja et.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------